# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1273/2012/1 SM**

**AIL Limited (C 11156)**

**v.**

**Paul Medina u skond digriet datat 24 ta' Lulju, 2013, il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u tal-*Motors Insurers' Bureau* ntervenut fil-kawza *in statu et terminus*, u skont digriet datat it-12 ta' Diċembru, 2013, ġie intervenut (recte kjamat) fil-kawża Charles Agius**

## PRELIMINARI

1. Is-soċjeta` attriċi għamlet din il-kawża kontra Paul Medina sabiex dan jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-31 ta' Lulju 2010 bejn il-*coach* JCY-852 proprjeta` tagħha, u l-vettura Peugeot 206 FBT-274 misjuqa minnu (il-konvenut). L-ewwel Qorti fit-18 ta' Novembru 2015 laqgħet it-talbiet attriċi u filwaqt li ddikjarat lil Paul

Medina unikament responsabbli għall-imsemmi inċident, ikkundannat lilu u lill-kjamat fil-kawża Charles Agius (li kien iħaddem lill-istess Paul Medina) sabiex *in solidum* iħallsu d-danni likwidati fl-ammont ta' €16,920. Minn tali deċiżjoni il-kjamat fil-kawża Charles Agius intavola l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata tat-18 ta' Novembru 2015:

"Il-Qorti,

"1. Rat ir-rikors guramentat datat is-27 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

"1.1. Illi waqt li ghall-habta tas-7.15 a.m. tal-31 ta' Lulju, 2010, Carmel Cauchi kien qed isuq xarabank numru JCY – 852 proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti fi Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, dan safa` milqut minn vettura bin-numru FBT – 274 misjuqa minn Paul Medina, (ara foll 5);

"1.2. Illi rizultat ta' l-incident de quo is-socjeta` rikorrenti sofriet danni komplessivament ammontanti ghal sittax-il elf, disa` mija u ghoxrin Ewro, (€16,920.00), (ara foll 11);

"1.3. Illi ghall-incident jahti biss l-intimat Paul Medina minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur ta' l-artikli 1031 u 1032(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"1.4. Illi nonostante li interpellat ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti, l-intimat baqa` inadempjenti;

"1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

"1.5.1. Tiddikjara lill-intimat Paul Medina unikament responsabbli ghall-incident de quo u ghad-danni kollha naxxenti mill-istess sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

"1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sittax-il elf disa` mija u ghoxrin Ewro, (€16,920.00), okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

"1.5.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` rikorrenti:

"1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' l-istess rikors guramentat promotur sad-data ta' l-effettiv pagament;

"2. Rat il-verbal datat id-9 t'April, 2013, li permezz tieghu gie rilevat li nonostante n-notifikat ta' l-intimat, dan baqa` fi stat ta' kontumacja, (ara foll 21 u 22);

"3. Rat id-digriet taghha datat l-24 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, wara rikors appozitu fuq l-istess datat id-9 ta' Lulju, 2013, (ara foll 68), u wara li rat ir-risposta ghall-istess datata t-18 ta' Lulju, 2013, (ara foll 73), awtorizzat lir-rikorrenti biex tintervjeni fil-kawza odjerna *in statu et terminis*, (ara foll 68 u 74);

"4. Rat id-digriet taghha datat it-12 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita datata l-25 ta' Novembru, 2013, (ara foll 120), u risposta ghall-istess datata s-6 ta' Dicembru, 2013, laqghet it-talba ghall-kjamata in kawza ta' Charles Agius, (ara foll 120 u 123);

"5. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali tal-kjamat fil-kawza, u wara li l-abbli rapprezentant legali tal-kontro-parti irrimettew ruhhom fir-rigward, awtorizzat lill-istess biex jipprezenta n-nota risponsiva tieghu fit-terminu hemm indikat (ara foll 126);

"6. Rat ir-risposta datata t-12 ta' Frar, 2014, li permezz taghha l-kjamat fil-kawza Charles Agius sintetikament espona l-posizzjoni tieghu bil-mod segwenti:

"6.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur;

"6.2. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

"6.3. Illi m'hemm l-ebda ness bejn l-incident u hu;

"6.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini ta' lartiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"6.5. Illi ghalhekk, stante l-infondatezza tat-talbiet tar-rikorrenti, dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

"7. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini indikati, (ara foll 149);

"8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l14 t'April, 2015, (ara foll 155), flimkien ma' dik tal-intervenuti fil-kawza, datata t-2 ta' Gunju, 2015, (ara foll 161), u dik tal-kjamat in kawza datat t-18 ta' Gunju, 2015, (ara foll 168);

"9. Semghet ix-xhieda prodotta;

"10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz id-dikjarazzjoni guramentata in atti;

"11. Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 172);

"Ikkunsidrat:

"12. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

"12.1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-31 ta' Lulju, 2010, ghall-habta tas-7.15 a.m. fi Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, (ara foll 90);

"12.2. Illi fl-istess incident kienu involuti vettura tal-marka Peugeot 206 numru FBT – 274 misjuqa minn Paul Medina, u xarabank numru JCY – 852 misjuq minn Carmel Cauchi, (ara foll 90);

"12.3. Illi l-vetturi involuti kienu qed jinstaqu fis-segwenti direzzjonijiet: (ara foll 90);

"12.3.1. Xarabank: mid-direzzjoni tal-Qawra Palace Hotel sejjer lejn is-Sea View Hotel;

"12.3.2. Peugeot 206: fid-direzzjoni opposta;

"12.4. Illi fil-gurnata ta' l-incident Triq it-Trunciera fuq riferita kienet: (ara foll 90);

"12.4.1. Xotta;

"12.4.2. It-temp kien car;

"12.4.3. Il-visibilita` kienet tajba;

"12.4.4. Ma kienx hemm traffiku fit-triq stante li kien kmieni filghodu, (ara foll 29);

"Ikkunsidrat:

"13. Illi skont il-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti li din l-qorti ma ssib xejn x'ticcensura u li

ghalhekk taghmel taghha l-konkluzjonijiet tieghu, jirrizulta sintetikament s-segwenti:

"13.1. Illi kien is-sewwieq Medina li dahal fuq ix-xarabank, (ara foll 115);

"13.2. Illi l-incident sehh fuq in-naha tal-lemin tat-triq hekk kif wiehed ihares lejn Ta' Fra Ben restaurant, (ara foll 115);

"13.3. Illi Medina kien qed isuq b'velocita` qawwija ta' 79 kilometru fis-siegha fejn hekk kif kien qed isuq fid-dritt, tilef il-kontroll u baqa` sejjer il-fuq, fejn habat fix-xarabank in dizamina, (ara foll 115);

"13.4. Illi ghalhekk l-istess Medina qasam il-karreggjata tieghu, dahal f'dik opposta, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, (ara foll 116), u habat fix-xarabank li kienet filkarreggjata taghha, (ara foll 29);

"13.5. Illi di piu`, il-vettura misjuga mill-intimat kontumaci Medina kellha wkoll il-licenzja skaduta u ghalhekk ma kienitx koperta b'assikurazzjoni, (ara foll 116);

"13.6. Illi di piu, fl-istess vettura ta' Medina nstab qartas bi trab abjad li kien elevat u mghoddi lill-espert forensiku kkoncernat, (ara foll 8);

"13.7. Illi rizultat ta' l-impatt il-Peugeot kellha r-rota ta' quddiem tan-naha tal-lemin imqaccta mill-lok u x-shaft taghha nqala`, (ara foll 45);

"Ikkunsidrat:

"14. Illi dwar ir-responsabbilita` riskontrata jinghad sintetikament is-segwenti:

"14.1.Illi ghandu jkun pacifiku li tenut kont tal-fatt li:

"14.1.1. L-"*ispot of impact*" kienet fil-karreggjata fejn kienet ix-xarabank;

"14.1.2. Il-velocita` ezagerata ta' kif kienet qed tigi misjuga l-Peugeot;

"ir-responsabbilita` ta' l-incident in dizamina tistrieh ghal kollox fuq l-intimat kontumaci Paul Medina;

"Ikkunsidrat:

"15. Ili rigward il-kjamat fil-kawza Charles Agius jinghad sintetikament is-segwenti:

"15.1. Illi l-vettura nxtrat ghall-uzu ta' kumpanija mmexxija minnu u minn Paul Pisani, u kien jisimha Galbest Limited, (ara foll 143);

"15.2. Illi pero` hu allegat li l-log book qatt ma gie f'idejhom, (ara foll 143);

"15.3. Illi ghalhekk:

"15.3.1. La setghu jaghmlu l-licenzja ghaliha, u

"15.3.2. Lanqas setghu jassikuraw l-istess vettura, (ara foll 143);

"15.4. Illi l-intimat kontumaci Medina kien impjegat ta' l-imsemmija socjeta` bhala salesman, (ara paragrafu numru hmistax punt wiehed, (15.1.), aktar qabel);

"15.5. Illi in effetti jirrizulta li fil-hin ta' l-incident il-vettura misjuga minn Medina ma kienitx koperta b'polza tas-sigurta` kif statutorjament dovut, (ara foll 135);

"15.6. Illi ghalhekk l-istess direttur de quo, senjatament il-kjamat fil-kawza Charles Agius, jirrizulta abbundantement assodat li kien ukoll negligenti u imprudenti fit-termini ta' l-artiklu 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"15.7. Illi ghaldaqstant, hu wkoll ghandu jigi ritenut responsabbli ta' l-akkadut solidalment;

"15.8. Illi kif ritenut, dan qed jinghad fid-dawl ta' l-insenjament tal-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fil-kawza fl-ismijiet **Avv. Dottor Franz Refalo nomine vs. Paul Caruana**, datata l-5 t'Ottubru, 1995, li stabbiliet li:

"... meta l-karozza ma tkunx hekk assikurata huwa responsabbli ghad-danni derivanti minn kollizjoni mhux biss dak li jikkaguna direttament u materjalment il-hsara, jigifieri dak li kien qieghed jaghmel uzu mill-karozza, imma anke dak li jkun naqas li jassikura l-vettura. Din ir-responsabbilita` hi solidali b'mod li min isofri l-hsara jista` jdur ghall-hlas taghha kontra min irid hu, jigifieri tant kontra l-wiehed jew l-iehor";

"Ikkunsidrat:

"16. Illi rigward id-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

"16.1. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar zejjed u infruttiferu, qed tistrieh fuq ir-rapport estensiv tal-hsarat riskontrati fix-xarabank involuta kif redatt mis-surveyor de

quo, stante li m'ghandha xejn x'ticcensura firrigward, (ara foll 11);

"16.2. Illi di piu` ghandu jizdied ma' l-istess is-segwenti:

"16.2.1. Kiri ta' "crane" biex tigi rmunkata x- xarabank, (ara foll 26);

"16.2.2. Spejjez in konnessjoni mar-rapport tas- surveyor, (ara foll 27);

"16.2.3. Spejjez in konnessjoni mall-parts;

"16.2.4. Spejjez in konnessjoni mal-labour;

"16.2.5. Spejjez in konnessjoni ma' kiri ta' vettura alternattiva;

"16.3. Illi l-ammont komplessiv jitla ghal sittax il-elf, disa` mija u ghoxrin Ewro, (€16,920.00);

"Ikkunsidrat:

"17. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u ghalhekk filwaqt li tiddikjara li hi sodisfatta bil-provi kif prezentati mill-istess socjeta` rikorrenti, tirrespingi r-risposti tal-kjamat fil-kawza, u konsegwentement:

**"DECIDE:**

"17.1. Tiddikjara lill-intimat kontumaci Paul Medina unikament responsabbli ghall-incident de quo u ghad-danni kollha naxxenti mill-istess sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

"17.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sittax il-elf, disa` mija u ghoxrin Ewro, (€16,920.00);

"17.3. Tikkundanna lill-intimat Paul Medina u lill-kjamat fil-kawza Charles Agius biex *in solidum* ihallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

"17.4. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-istess rikors guramentat promotur, is-27 ta' Dicembru, 2012, sad-data ta' l-effettiv pagament."

**RIKORS TAL-APPELL tal-kjamat fil-kawża Charles Agius**

**(09.12.2015)**

3. Il-kjamat fil-kawża Charles Agius ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha:

4. L-aggravji tal-kjamat fil-kawża huma s-segwenti:

(1) **Nuqqas ta' apprezzament tal-provi (rigwardanti r-responsabbilta` da parti tiegħu):**

Fl-ewwel lok jilmenta li ma jirriżultax fl-atti proċesswali l-abbundanza ta' provi li tgħid li straħet fuqhom l-ewwel Qorti; anzi jsostni li pjuttost jirriżulta l-kontra.

(2) **Il-preskrizzjoni**

Fit-tieni lok jaċċenna għall-fatt li eċċepixxa l-preskrizzjoni skont l-Art. 2153 tal-Kap 16 li jipprovdi li l-azzjoni għall-ħlas tad-danni mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn. Isostni li ma kien hemm l-ebda relazzjoni *ex contractu* u għalhekk it-talba għal risarċiment tad-danni trid tirriżulta minn ħtija u cioe` mill-prova ta' ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż – u għalhekk huwa applikabbli tali artikolu.

Permezz ta' dan l-appell, Agius qed jeċċepixxi wkoll illi fl-eventwalita` li l-aġir tiegħu jirriżulta li kien jinkwadra ruħu f'reat, dan huwa wkoll preskritt ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kap 16, li jipprovdi li l-dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas ta' ħsarat ikkaġunati b'reat għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. Jargumenta li in pessima ipotesi ir-reat li seta' ikkommetta jinkwadra taħt il-Kap 104 fejn l-Art 3(1) tqis bħala reat kull min iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minn dik il-persuna l-oħra ma tkunx isseħħ polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Ikompli jgħid li skont l-Art 3(2)(a), f'każ tal-ewwel reat, dik il-persuna tista' teħel piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn 3 xhur, u għalhekk il-perjodu preskrittiv skont il-Kodiċi Kriminali hu dak ta' sentejn previst fl-Art. 688(e) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti soġġetti għall-piena ta' priġunerija għal anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravenzjonijiet.

Ikompli jgħid li sabiex jiġi stabbilit minn meta jibdew jiddekorru s-sentejn wieħed għandu jirreferi għall-Art. 2137 tal-Kap 16 li jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

Jaċċenna għall-fatt li l-inċident seħħ fil-31 ta' Lulju 2010 u ma jikkontestax li kien ġie notifikat b' ittra uffiċjali fit-2 ta' Marzu 2011. Ikompli jgħid li meta fil-25 ta' Novembru 2013 intalbet il-kjamata fil-kawża tiegħu kien diġa għaddew sentejn mid-data tal-inċident u mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali. Jenfasizza li ma jirriżultax mill-atti li qabel it-12 ta' Diċembru 2013 (id-digriet fejn ġie kjamat fil-kawża) qatt kien hemm xi interpellanza, la bonarjament, u lanqas permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor li setgħet tinterrompi l-perjodu preskrittiv.

Iżid jgħid ukoll li għalkemm kif stabbilit mill-qrati nostrana f' każi fejn vettura mhux munita b'assigurazzjoni huwa responsabbli wkoll b'mod solidali s-sid tal-vettura, huwa fil-fatt mhux is-sid. In pessima ipotesti fl-eventwalita` li din il-qorti kellha ssib li minkejja li mhux is-sid huwa responsabbli wkoll b'mod solidali, jargumenta li ma hemm l-ebda solidarjeta` awtomatika qabel ma din tkun dikjarata minn Qorti u jsostni li għalhekk il-perjodu preskrittiv jiddekorri singolarment sal-mument li fih ikun hemm tali dikjarazzjoni.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` attriċi AIL Ltd (28.12.2015):</u>**

5. Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex tgħid għaliex is-sentenza hija ġusta u timmerita konferma *in toto*. Hija wieġbet għall-aggravji tal-kjamat fil-

kawża u spjegat għaliex huma infondati u għalhekk sostniet li l-appell tal-kjamat fil-kawża għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-intervenuti fil-kawża l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens; u l-Motor Insurers' Bureau (20.01.2016):</u>**

6. L-intervenuti fil-kawża wkoll wieġbu biex jgħidu għaliex l-aggravji tal-kjamat fil-kawża huma infondati u sostnew li għalhekk is-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontrih.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>L-ewwel aggravju</u>** - dwar ir-responsabbilta` tal-kjamat fil-kawża

7. L-ewwel aggravju tal-kjamat fil-kawża jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti sabitu responsabbli wara li rriteniet li kien negliġenti u imprudenti taħt l-Artikolu 1033 tal-Kap 16.

8. Hija fil-fatt waslet għal tali konklużjoni wara li qieset li Paul Medina kien impjegat bħala *salesman* mal-kumpanija Galbest Ltd, ġestita minn Charles Agius u Paul Pisani; li l-vettura li kien qed isuq Paul Medina dakinhar tal-inċident kienet inxtrat għall-użu tal-kumpanija Galbest Ltd; u li l-vettura dakinhar tal-inċident ma kinitx koperta b'polza ta' sigurta` kif statutorjament dovut.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu jsostni li invece ma kellux jinstab responsabbli, u dan għas-segwenti raġunijiet (l-appellant jghid li ma ġewx meqjusa mill-ewwel Qorti):

(a) Il-verżjoni ta' Medina li huwa (Agius) kien ippermettilu li jużа l-vettura hija kontradetta mix-xiehda tiegħu stess (Agius) meta qal li ma ta l-ebda permess lil Medina biex jużaha, u anzi meta talabielu kien infurmah illi la kellha assigurazzjoni u lanqas liċenzja;

(b) Dan hu kkonfermat minn Paul Pisani li jiġġestixxi l-intrapriża miegħu;

(c) L-inċident seħħ is-Sibt u għalhekk *in pessima ipotesi*, Medina ma kienx fuq xogħol meta kien qed isuq il-vettura;

(d) Il-vettura kienet reġistrata fuq Paul Pisani (li mhux parti fil-proċeduri) u għalhekk *se mai* kienet tispetta lilu r-responsabbilta` legali bħala sid tal-vettura biex din ma tinstaqx fit-triq mingħajr liċenzja u assigurazzjoni;

(e) Il-fatt li rriżulta li l-vettura kienet biss fil-bini tas-soċjeta` ġestita minnu ma' titfa' l-ebda responsabbilta` legali fuqu.

10. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi li jinsabu fl-atti (inkluż ir-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg u l-espert mekkaniku Joseph Zammit fl-atti tal-inkjesta relattiva) senjatament il-verżjonijiet mogħtija fir-rigward ta' dawn il-punti sollevati mill-kjamat fil-kawża.

(a) <u>Paul Medina</u> (sewwieq ta' FBT-274)

Fix-xiehda mogħtija minnu fl-atti tal-inkjesta, Paul Medina spjega li kien impjegat bħala *salesman* mal-kumpanija Galbest li kellha l-fabbrika f'Raħal Ġdid u li l-imgħallem tiegħu kien jismu Charles. Qal li kien ibiegħ affarijiet tal-ikel fl-istabbilimenti kbar. Mistoqsi jekk il-vettura FBT-274 kellhiex liċenzja u insurance valida, qal li ma jafx għaliex hija tal-imgħallem u huwa qatt ma vverifika tali affarijiet. Qal li huwa għandu vettura personali tiegħu. Qal li dakinhar tal-inċident kien xogħol bħala *security officer* f'bar Birżebbugia fejn spiċċa mix-xogħol għal xi l-4.00 ta' fil-għodu u wara mar iwassal lit-tfajla tiegħu Buġibba bil-vettura FBT-274.

Fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-atti odjerni fit-23 ta' Jannar 2014 ikkonferma li kien impjegat bħala *salesman* ma' Charles Agius u li l-vettura in kwistjoni kien tahielu hu "*biex naħdem ix-xogħol tiegħu*". Mistoqsi min kien responsabbli għall-affarijiet tal-karozza, inkluż assikurazzjoni tagħha, qal li kien Charles Agius.

(b) Charles Agius (partner ma' Paul Pisani f'Galbest Ltd)

Fix-xiehda mogħtija minnu fl-atti tal-inkjesta Charles Agius qal li huwa direttur fil-kumpanija Gelbest Ltd. Kwantu għall-vettura FBT-274[1], qal li din kien xtraha mingħand ċertu Clayton Azzopardi għal €3,400 iżda sostna li qatt ma tah *log book*. Qal li għalkemm kellu jiltaqa' miegħu biex jgħaddilu l-*log book* dan Azzopardi spiċċa arrestat u baqa' ma ltaqax miegħu. Kompla jgħid li meta xtara l-vettura Clayton Azzopardi kien qallu li l-insurance u l-liċenzja kienu imħallsin u huwa qagħad fuq li qallu. Qal li kien nesa li l-liċenzja skadiet għaliex ommu kienet l-isptar għal tmien ġimgħat. Kwantu għall-ftehim li kellu ma' Paul Medina qal hekk:

> *"Il-ftehim tiegħi ma' Paul Medina kien li din il-vettura tintuża biss għal waqt il-ħinijiet tax-xogħol. Waqt li fil-weekends jew ħinijiet oħra kellu juża l-vettura personali tiegħu."*

Fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-atti odjerni fit-13 ta' Marzu 2014 ikkonferma li Paul Medina kien impjegat tiegħu bħala *salesman* u li dak iż-żmien huwa kien *partner* f'kumpanija li tbiegħ l-ikel. Qal li Paul Medina kien jaħdem b'vettura personali tiegħu, u huwa kien jagħtih kumpens għal petrol u *wear and tear*. Kwantu għall-vettura in kwistjoni (FBT-274) qal li din kien innegozjaha l-

[1] Għalkemm jitkellem fuq il-vettura FBT-271 jidher li dan hu żball, għaliex il-vettura in kwistjoni hija FBT-274

*partner* tiegħu Paul Pisani mingħand *dealer* u wara erbat ijiem daħħluha l-garaxx u ħallewha hemm "*sakemm jagħmlu l-verifiki amministrattivi kollha rigward log book u affarijiet simili*." Kompla jgħid li dakinhar tal-inċident xi ħadd wassal lil Medina l-garaxx tagħhom u beda jibki u qallu li l-lejl ta' qabel kien qaċċat ir-rota tal-vettura tiegħu wara li daħal f'roundabout, u għalhekk "*staqsieni setax jaħdem bil-vettura tiegħi u jiena ma tajtux permess*". Qal li spjegalu li l-vettura FBT-274 kienet fil-garaxx għaliex la kellha liċenzja u lanqas insurance. Qal li imbagħad tela' fl-uffiċini biex jagħmel xi *invoices* u meta niżel madwar 20 minuta wara "*la sibt lill-intimat kontumaċi Medina u lanqas il-vettura bin-numru FBT-274*". Kontro-eżaminat qal li Medina kien jaħdem mal-kumpanija Galbest Ltd u mhux miegħu personalment. Mistoqsi fuq min kienet reġistrata l-vettura FBT-274, qal li kienet għadha mhux reġistrata.

(c) <u>Paul Pisani</u> (partner ma' Charles Agius f'Galbest Ltd)

Fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-atti tal-kawża odjerna fis-7 ta' Ottubru 2014 spjega li hu u Charles Agius għandhom kumpanija tal-catering bl-isem ta' Galbest Ltd. Qal li huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni mingħand ħabib tiegħu li jismu Clayton għall-prezz ta' €3,500 u li kien tah parti mill-prezz u kien fadallu jagħtih bilanċ ta' xi €800. Qal li "*peress li ma kellniex il-log book f'idejna la stajna nagħmlu insurance u lanqas stajna nġibu liċenzja tat-*

*triq.”* Qal li s-soċjeta` Galbest Ltd qatt ma kienet reġistrata bħala sid tal-vettura, u lanqas Charles Agius. Kwantu għal Paul Medina qal li dan kien daħal jaħdem mas-soċjeta` Galbest Ltd bħala *salesman* u li kien idur bil-vettura tiegħu personali. Mistoqsi jafx kif il-vettura FBT-274 spiċċat tiġi misjuqa minn Paul Medina huwa xehed hekk:

> *“ ….dan kien ġie ix-xogħol normali, konna t-tlieta l-garaxx, jiena, paul Medinia u Charles Agius u bdejna nidħaddtu fuq ix-xogħol li kellna, Charles Agius mar jagħmel xi invoices.*
> *“Nixtieq ninforma lill-Qorti li l-intimat Paul Medina beda jissikka b’liema vettura ħa jmur għax-xogħol dakinhar għaliex ma kellux karozza peress li xi ftit qabel kellu inċident bil-vettura personali tiegħu. Aħna għidnilu li dakinhar kien il-Ġimgħa u li s-Sibt u l-Ħadd aħna ma konniex naħdmu u qatt ma ħdimna u konna ppreparati li anke nikru karozza sakemm jiġi l-log book tal-vettura li kellna fil-garaxx. Charles Agius mar jagħmel l-invoices u għalhekk mar f’ garaxx ieħor li qiegħed żewġ toroq ‘il fuq minn dak li konna oriġinarjament, jien ġie xi ħadd għalija u kelli nillarga mill-garaxx ukoll u Paul Medina spiċċa waħdu fil-garaxx tagħna u jien tajtu istruzzjonijiet biex jistenna lil Charles Agius.”*

Huwa insista li s-soċjeta` Galbest Ltd qatt ma pprovdiet vettura lil Paul Medina, u li kien jaħdem bil-vettura tiegħu personali u ta’ dan kienu jtuh €50 fil-ġimgħa għad-diesel.  Sostna li ma jistax ikun dak li qed jallega Medina, cioe` li tawh il-vettura in kwistjoni biex jaħdem biha, stante li ma setgħetx tinstaq mingħajr liċenzja u *insurance*.

(d) <u>Clayton Azzopardi (biegħ il-vettura lil Pisani/Agius)</u>

Fix-xiehda mogħtija minnu fl-atti tal-inkjesta qal li l-vettura (jidher li kien qed jitkellem fuq il-vettura FBT-274) kien xtraha mingħand Joseph Debattista għal €1,000. Qal li xtraha għat-tfajla tiegħu iżda ma ridithiex u għalhekk tefagħha fix-*showroom* "*Green Lines*" fejn kien jaħdem bħala lavrant. Qal li darba minnhom kien mar fix-*showroom* Charles Agius "*fejn xtaq jixtri vettura għas-salesman tiegħu".* Qal li qallu bil-vettura li kellu u biegħhielu għal €1,100. Qal li tali vettura kienet damet għandu għal madwar xahrejn u nofs u li l-*log book* ma ffirmahx.

(e) David Tanti

Fix-xiehda mogħtija minnu fl-atti tal-inkjesta qal li l-vettura FBT-274 xtraha mingħand wieħed imlaqqam il-Canadis u li biegħha biss wara xi kwarta lil ċertu Clayton għal €1,000 *cash*. Qal li peress li biegħha wara żmien qasir qatt ma għamel it-*transfer* u għalhekk ma ffirmax fuq il-*log book* għalkemm ta l-*log book* lil Clayton.

(f) Brian Farrugia (legal officer Transport Malta)

Fix-xiehda mogħtija minnu fl-atti tal-inkjesta Brian Farrugia iddikjara li l-vettura FBT-274 kien ilha reġistrata fuq Canadis Auto Dealer mit-2 ta' Marzu 2010 u li l-liċenzja skadiet fit-30 ta'

Ġunju 2010[2]. Qal li peress li reġistrata fuq *dealer* tal-karozzi dawn ikollhom *insurance*.

(g) Karen Cremona (amministratriċi fi ħdan Transport Malta)

Fix-xiehda mogħtija minnha fl-atti odjerni fid-9 ta' Diċembru 2014 spjegat li l-vettura FBT-274 tidher reġistrata fuq Paul Tanti f'isem Canadis Auto Dealer u ilha reġistrata fuq il-Canadis Auto Dealer mit-2 ta' Marzu 2010. (Hija esebiet id-dokumentazzjoni relattiva, Dok KC li tikkonferma l-verżjoni tagħha).

11. Minn dan kollu jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jgħid l-appellant Charles Agius, il-vettura FBT-274 ma kinitx reġistrata fuq Paul Pisani iżda kienet għadha reġistrata fuq il-Canadis Auto Dealer. Jirriżulta wkoll li l-verżjoni mogħtija minn Charles Agius u Paul Pisani fis-sens li Paul Medina ħa l-vettura mill-garaxx ta' Galbest Ltd mingħajr permess hija kompletament kontradetta mix-xiehda li ta l-istess Charles Agius fl-inkjesta, fejn huwa stess qal li kien ta l-vettura in kwistjoni lis-*salesman* Paul Medina sabiex jużaha għax-xogħol. (Clayton Azzopardi, fil-fatt, li huwa dak li kien biegħlu l-vettura, qal li Charles Agius kien xtraha għas-*salesman* tiegħu.) Jiġi enfasizzat li fl-istess xiehda mogħtija fl-inkjesta Charles Agius spjega li minħabba li ommu kienet marida, kien "nesa" li l-

[2] Fil-fatt fid-dokument li jinsab a fol 135 (bil-letterhead ta' Transport Malta) ċertu George Attard (Senior Manager – Driver & Licencing Unit, Land Transport Directorate) iddikjara li f'Lulju 2009 il-vettura kienet assigurata ma' Fogg Insurance Agency Ltd, filwaqt li f'Lulju ta' 2010 ma kinitx assigurata.

<u>liċenzja kienet skadiet.</u> Din il-Qorti jidhrilha li hija iktar verosimili l-verżjoni mogħtija minnu fl-inkjesta, milli dik mogħtija minnu u minn Paul Pisani fl-atti odjerni. Biss biss, wieħed jistaqsi, kieku verament Paul Medina ħadilhom il-vettura mill-garaxx ta' Galbest Ltd mingħajr il-permess tagħhom, kif ma marrux dlonk jagħmlu rapport mal-pulizija?

12. Din il-Qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li Charles Agius, in kwantu bhala possessur u sid *de facto* tal-vettura li la kellha licenzja jew assikurazzjoni u ma kinitx ghadha giet trasferita legalment fuq Agius wara t-30 ta' Ġunju 2010 ippermetta lil Paul Medina jsuq il-vettura minkejja li ma kinitx aktar munita b'polza ta' assikurazzjoni, għandu jitqies bħala responsabbli, u dan irrispettivament mill-fatt li ma kienx is-sid reġistrat tal-vettura.

13. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-kjamat fil-kawża jirriżulta infondat.

**<u>It-tieni aggravju</u>** – dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront tiegħu

14. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li għalkemm l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kjamat fil-kawża ai termini tal-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma tatx l-iċken motivazzjoni f'dan ir-rigward anzi injorat għal kollox tali eċċezzjoni, bi vjolazzjoni ċara tad-dettami tal-Artikolu 730 tal-

Kap 12 li jipprovdi hekk:

> *"L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu."*

15. Il-kjamat fil-kawża Charles Agius ma jsemmi xejn f'dan ir-rigward, iżda sempliċiment isostni li tali eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn abbażi tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 (azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux ikkaġunati b'reat) kellha tiġi milqugħa.

16. In oltre f'dan l-istadju tal-appell qajjem ukoll il-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2154 (azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat ikkaġunati b'reat) u spjega kif anke f' dan il-każ jiġi li l-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' sentejn (*vide supra*). Issa għall-finijiet ta' din il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2154 irid jitqies ir-reat kommess minn Charles Agius stess in kwantu ippermetta lis-sewwieq Paul Medina isuq vettura bla assikurazzjoni (Artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104[3] u Artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65[4]), mhux ir-reat kommess minn Paul Medina in kwantu kien qed isuq b'mod perikoluż[5]. Irrispettivament minn jekk fil-fatt kinux ittieħdu proċeduri kriminali kontra Charles Agius, l-aġir tiegħu xorta jitqies bħala reat għall-finijiet tal-Artikolu 2154. (Hawn għandu jingħad li hija fil-fatt din il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2154 sollevata minn Charles Agius f'dan l-istadju tal-appell li hija l-preskrizzjoni applikabbli tenut kont taċ-ċirkostanzi, u mhux dik ai termini tal-Artikolu

---

[3] Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni
[4] Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku
[5] Ara f'dan ir-rigward **Isabelle Borg et v. Robert Galea et** (App. Sup. 03.03.2011; 675/01/TM)

2153 kif eċċepita minnu fir-risposta ġuramentata, u għalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta ċaħditha, minkejja li ma mmotivatx tali konklużjoni).

17. Issa kwantu għall-Artikolu 2154, fis-subinċiż (1) dan jipprovdi li:

> *"Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali."*

għalhekk wieħed irid jara l-pieni li jġorru magħhom l-Artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104 u l-Artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65 u imbagħad japplika l-preskrizzjonijiet abbinati ma' tali pieni taħt l-Artikolu 688 tal-Kap 9 (Kodiċi Kriminali).

18. L-Artikolu 3(2)(a) tal-Kap 104 jipprovdi li min iħalli lil persuna issuq vettura fit-toroq mingħajr ma tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terza persuna jeħel, jekk jinsab ħati tal-ewwel reat, is-segwenti pieni:

> *"multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;"*

u l-Artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65 jipprovdi li:

> *"Kull min –*
>
> *……*
>
> *(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra,*

> *"ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."*

19. Il-pieni relattivi għaż-żewġ reati fil-fatt jaqgħu taħt is-sub-inċiż (e) tal-Artikolu 688 tal-Kap 9 li jipprovdi li l-perjodu ta' preskrizzjoni huwa ta' **sentejn:**

> *"(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet"*

20. Issa l-kjamat fil-kawża Charles Agius ma jikkontestax li huwa fil-fatt kien ġie notifikat b'ittra uffiċjali fit-2 ta' Marzu 2011. (Fil-fatt din il-Qorti tosserva li kopja tal-ittra uffiċjali u tar-riferta jinsabu fl-atti[6]). Kif jargumenta l-istess Agius, kienu għaddew iktar minn sentejn mit-2 ta' Marzu 2011 sa meta intalbet il-kjamata fil-kawża tiegħu (b'rikors tal-25 ta' Novembru 2013) u sa meta ġie milqugħ (b'digriet datat 12 ta' Diċembru 2013). Huwa imbagħad ġie notifikat fl-14 ta' Jannar 2014.

21. Tqum allura l-kwistjoni jekk bil-fatt li Agius ġie dikjarat bħala responsabbli "solidalment" ma' Paul Medina, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-każ ta' Medina tinterrompix ukoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-każ ta' Agius – kwistjoni li jinsistu fuqha l-appellati (kemm l-intervenuti kif ukoll is-soċjeta` attriċi). L-appellant Agius jargumenta li ma hemm l-ebda solidarjeta` awtomatika qabel ma din tiġi

---

[6] Fol 136 u 137

dikjarata mill-Qorti u li għalhekk il-perjodu preskrittiv jiddekorri singolarment sal-mument li fih ikun hemm tali dikjarazzjoni.

22. Din il-Qorti ma ssibx li għandu raġun l-appellant. Is-solidarjeta` fir-responsabbilta` għad-danni titnissel mil-liġi u mhux mis-sentenza. Għalkemm l-ewwel Qorti ma speċifikatx abbażi ta' liema liġi sabet lil Agius responsabbli *in solidum* ma' Medina, is-soċjeta` attriċi appellata ġustament tagħmel riferenza għall-Artikolu 1050[7] li jipprovdi hekk:

> *"(1) Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.*
>
> *"(2) F'dan il-każ, il-konvenut jista' jitlob li dawk kollha li jkunu ikkaġunaw il-ħsara jiġu msejħa fil-kawża bil-mod u għall-effetti msemmijin fl-artikolu 962 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-qorti tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara, f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skont iċ-ċirkostanzi; bla ħsara dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-ħsara illi jitlob il-ħlas tas-somma kollha mingħand kull min irid minnhom, u dawn lejh għandhom ilkoll jiġu kkundannati in solidum."*

Għalhekk is-solidarjeta` għandha titqies bħala li tnisslet mill-fatt illeċitu innifsu u mhux meta tiġi dikjarata f'sentenza.

23. Isegwi għalhekk li ladarba l-azzjoni mhix preskritta kontra Paul Medina, ma tistax titqies bħala preskritta kontra l-kjamat fil-kawża qua debitur *in solidum* miegħu; dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 1100 tal-Kap

[7] Vide f'dan is-sens **Gwakkin Grech v. Annette Rizzo et** (116/91/GC, P.A. 02.03.2001);

16 li jipprovdi li:

> *"L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri in solidum, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għall-wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom."*

**<u>DECIDE</u>**

24. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-kjamat fil-kawża u tikkonferma s-sentenza appellata.

25. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-istess appellant Charles Agius.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr